MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2006

Numru. 695/2006

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)
vs
Clint Borg

**IL-QORTI**

Rat l-akkuzi migjuba mill-pulizija kontra l-akkuzat u dan talli matul dawn l-ahhar xahrejn, f'hinijiet differenti, b'diversi atti maghmulin b'rizoluzzjoni wahda minnu, gewwa l-fond "Mollu Supermarket", fi Triq il-Kbira Dingli, ikkommetta serq ta' flejjes ghad-dannu ta' Joseph Gauci minn Had Dingli liema serq huwa aggravat bil-persuna u bil-valur.

Rat l-ezami tal-imputat minn fejn jidher li hu ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja, waqt li wiegeb li hu hati tal-akkuza kif migjuba kontra tieghu.

Semghet it-trattazzjoni in rigward il-piena.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ssib lill-istess akkuzat hati talli matul dawn l-ahhar xahrejn, f'hinijiet differenti, b'diversi atti maghmulin b'rizoluzzjoni wahda minnu, gewwa l-fond "Mollu Supermarket", fi Triq il-Kbira Dingli, ikkommetta serq ta' flejjes ghad-dannu ta' Joseph Gauci minn Had Dingli liema serq huwa aggravat bil-persuna u bil-valur.

Rat l-artikoli 18, 261 (c) (d), 267, 268 (a), 279 (a), 280 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In rigward piena, wara li l-Qorti kkunsidrat:

a) Li l-akkuzat ammetta l-htija tieghu fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri;

b) Li kif rizultanti mill-fedina penali tal-akkuzat a fol 3 tal- istess atti, hu ghandu jigi kkunsidrat bhala 'a first offender';

c) Li r-refurtiva kollha giet ritornata lid-derubat (Ara fol 13 kif ukoll l-annessi stqarrijiet a fol 8 u fol 12 tal-atti).

Jidher li l-akkuzat jimmerita l-applikazzjoni tal-artikoli 7 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta billi tinhareg Ordni ta' "Probation".

Ghaldaqstant il-Qorti tordna li minflok il-piena, tinhareg, fil-konfront tal-akkuzat, l-annessa Ordni ta' "Probation" li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Tordna wkoll li l-atti kollha jintbaghtu lill-Avukat Generali fi zmien skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------